MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2770/1996/1

**Simonds Farsons Cisk Ltd**

**Vs**

**Agent Direttur ta' l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fl-20 ta' Settembru 1996 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fl-1 ta' Marzu, 1996 l-Agent Direttur ta' l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta hareg ordni ta' prezzijiet li ggib in-numru OFC/1 datat l-1 ta' Marzu 1996, u ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-istess data, u dan

taht il-poteri lilu moghtija taht l-Artikolu 11 ta’ l-Att XXXI ta’ l-1994;

U premess illi fl-istess ordni gie provdut il-prezz massimu tal-birra mibjugha mis-socjeta` attrici, liema ordni jinsab esebit ma’ l-att tac-citazzjoni u markat dokument “A”;

U premess illi ghat-tenur ta’ l-Artikolu 11 ta’ l-Att XXXI ta’ l-1994, l-istess ordni kellu jigi rivedut mill-Kummissjoni stabbilita fl-istess Att fi zmien sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tieghu biex jigi determinat jekk dak l-ordni kienx “xieraq u mehtieg”, u fin-nuqqas dak l-ordni ma kellux jibqa’ jsehh;

U premess illi b’ ittra tat-8 ta’ Marzu 1996, is-socjeta` attrici ressqet l-ilment taghha li l-istess ordni ma kienx xieraq u gust u ma kellux jigi konfermat, li l-ordni kien *ultra vires* il-poteri tad-Direttur ghaliex il-birra ma kinitx prodott essenzjali, u li l-ordni kien diskriminatorju fil-konfront tas-socjeta` attrici, u talbu li l-Kummissjoni tirrivedi l-ordni skond il-ligi bl-urgenza (Dok. “B”);

U premess illi b’ decizjoni tat-3 ta’ Gunju 1996, fil-kaz numru 1 ta’ l-1996 hekk imsejjah erronjament mill-istess Kummissjoni “Simonds Farsons Cisk Limited vs Agent-Direttur ta’ l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta”, il-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust iddecidiet billi wara li rat l-Artikolu 11 (4) ta’ l-Att ta’ l-1994 iddikjarat li l-ordni ta’ prezzijiet in disamina, senjatament dak li jgib in-numru ta’ identifikazzjoni OFC/1 datat l-1 ta’ Marzu 1996 hu wiehed xieraq u mehtieg u ordnat li dak l-istess ordni kellu jibqa’ fis-sehh ghal zmien sena minn dakinhar, (kopja tad-decizjoni hija esebita ma’ l-att tac-citazzjoni u markata Dokument “C”);

U premess illi l-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ddecidiet, kif jirrizulta mill-korp ta’ l-istess decizjoni, li hija ma kellhiex gurisdizzjoni tissindika l-operat tad-Direttur sa kemm dan ma jkunx wiehed irragonevoli, abuziv jew kontra l-ligi;

U premess illi l-Kummissjoni, in kwantu ddecidiet hekk, applikat hazin il-ligi u naqset li tezercita dik il-gurisdizzjoni fdat f' idejha mill-istess ligi, u dan stante li l-ligi kienet timponi l-obbligu espress fuq il-Kummissjoni li tara li ordni ta' prezzijiet ikun wiehed xieraq u mehtieg, u li ma tikkonfermahx jekk ma jkunx hekk xieraq u mehtieg;

U premess illi l-Kummissjoni minflok rat dak l-ordni kienx xieraq u mehtieg kif kienet ordnata li taghmel mil-ligi, illimitat l-ezami taghha biss biex tara jekk id-Direttur kienx ezercita d-diskrezzjoni tieghu fil-limiti imposti fuqu mil-ligi meta kien evidenti mill-istess ligi li fl-ahhar analizi dik id-diskrezzjoni kienet tappartjeni u kellha tigi ezercitata mill-istess Kummissjoni;

U premess illi meta waslet ghal din il-konkluzjoni, il-Kummissjoni ssorprendiet lill-partijiet quddiemha billi dan il-punt la kien sottomess u lanqas gie trattat mill-partijiet, u b' hekk il-Kummissjoni ddecidiet punt li bl-ebda mod ma kien gie sottomess lilha ghall-gurisdizzjoni taghha, u dwar l-istess il-partijiet ma nghataw ebda opportunita` jaghmlu sottomissjonijiet;

U premess illi b' hekk gew vjolati l-principji ta' gustizzja naturali;

U premess illi ghalhekk il-Kummissjoni fid-decizjoni taghha ma haditx kaz ta' dawk il-fatturi u elementi rilevanti u essenzjali biex tasal ghal decizjoni skond il-ligi, u hadet in konsiderazzjoni fatturi ohra, cioe` in-nuqqas ta' gurisdizzjoni taghha u l-insostitwibilita` tad-diskrezzjoni tad-Direttur, li kienu kompletament irrilevanti ghal konsiderazzjoni u decizjoni tal-punt dibattut quddiem il-Kummissjoni;

U premess illi l-istess Kummissjoni waslet ghall-konkluzjoni li l-posizzjoni tas-socjeta` attrici u dik ta' l-Agent Direttur kienu "ugwalment ragonevoli" u ghalhekk ma setghetx tasal ukoll ghall-konkluzjoni li l-ordni kien "xieraq" u b' hekk l-istess decizjoni hija kontradittorja fiha nfisha;

U premess illi fi kwalsiasi kaz l-ordni fuq riferit kien wiehed diskriminatorju fil-konfront tas-socjeta` attrici billi l-istess prodott mibjugh minn socjetajiet ohra ma giex similment kontrollat, u ghalhekk certament mhux xieraq;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust fuq riferita moghtija fit-3 ta' Gunju 1996, kienet, in vista tal-premess, ibbazata fuq zball evidenti tal-ligi li jirrizulta mid-decizjoni stess u vjolativa ghal principji ta' gustizzja naturali, kif ukoll, bil-mod kif mehuda, difettuza fil-gurisdizzjoni li kellha tezercita l-istess Kummissjoni;

2. Tiddikjara konsegwentement nulla u inattendibbli d-decizjoni tal-Kummissjoni fuq riferita;

B' rizerva ta' kull azzjoni ohra naxxenti mill-vjolazzjoni tad-drittijiet ta' l-attur u ta' kull azzjoni ghad-danni spettanti lis-socjeta` attrici naxxenti mill-fatti fuq imsemmija;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Lulju 1996 kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-Avukat Andre` Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Agent Direttur ta' l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta u l-Avukat Generali, ipprezentata fit-18 ta' Gunju 1997, li permezz taghha huma eccepew:-

1. Preliminarjament, in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti milli tiehu konjizzjoni tal-kawza stante li r-ragunijiet li ghalihom d-decizjonijiet tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust li hija hi stess organu ta' revizjoni, huma

espressament stipulati fir-regolament numru 6 ta' l-Iskeda ta' l-Att XXXI ta' l-1994 u dan a contrario jeskludi forom ta' revizjoni ulterjuri ohra;

2. Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` attrici m' ghandhiex interess guridiku f' din il-kawza peress li l-Ordni OFC/1 diga` waqaf milli jkollu effett a bazi ta' l-Artikolu 11 (4) ta' l-Att XXXI ta' l-1994;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost japplika l-Artikolu 11 (6) ta' l-imsemmi Att;

4. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost m' hemmx lok li tigi riveduta minn din l-Onorabbli Qorti d-decizjoni tat-3 ta' Gunju 1996 tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust peress li m' huwiex minnu li din kienet ibbazata fuq zball tal-ligi u vjolativa ghall-principji tal-gustizzja naturali u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

(i) Illi l-Kummissjoni ezercitat il-poteri taghha kif inhu provdut fl-Artikolu 11 (li ghandu jinghad ukoll li huwa poter ta' revizjoni u mhux wiehed ta' appell) tant li fil-fatt ikkonsidrat jekk l-Ordni kienx wiehed xieraq u mehtieg kif jidher b' mod partikolari mill-ewwel paragrafu tal-pagna 74 tad-decizjoni u dan wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatturi u l-elementi rilevanti u essenzjali kollha sabiex setghet waslet ghad-decizjoni taghha;

(ii) Illi l-Kummissjoni dahlet fil-mertu jekk l-Agent Direttur kienx agixxa b' mod ragonevoli u fil-konfini tad-diskrezzjoni moghtija lilu taht l-Att peress li l-intrapriza attrici ssottomettiet li l-Agent Direttur agixxa oltre l-poteri tieghu u li d-diskrezzjoni moghtija lill-Agent Direttur taht l-Artikolu 11 (1) ma kinetx insindakabbli mill-Kummissjoni (*vide* pagna 18 tad-decizjoni);

(iii) Illi l-fatt li l-Kummissjoni stabbilit li l-Agent Direttur agixxa b' mod ragonevoli kompla sostna d-decizjoni tal-Kummissjoni li l-Ordni kien xieraq u mehtieg;

(iv) Illi m’ huwiex minnu li l-Kummissjoni hasset li ma kellhiex gurisdizzjoni jew li d-diskrezzjoni tad-Direttur ma kinetx sindakabbli;

(v) Illi kull sottomissjoni li saret kienet giet trattata mill-partijiet u kkunsidrata mill-Kummissjoni b’ mod li ma jistax jinghad li gew vjolati l-principji tal-gustizzja naturali;

(vi) Illi jekk il-Kummissjoni kkunsidrat li l-posizzjoni esposta quddiemha miz-zewg partijiet kienet ugwalment ragonevoli ma jfissirx li l-Kummissjoni kellha tasal ghall-konkluzjoni li l-Ordni ma kienx xieraq. Fuq kollox kwalunkwe parti f’ kawza ghandha taghmel sottomissjonijiet ragonevoli imma b’ daqshekk ma jfissirx li kull parti ghandha ragun;

(vii) Illi l-Ordni m’ huwiex diskriminatorju peress li l-Artikolu 11 ma jimponix fuq id-Direttur li l-Ordni jrid japplika ghal kull intrapriza li tkun qed tpoggi l-istess prodott fuq is-suq;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-Agent Direttur ta’ l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta u ta’ l-Avukat Generali u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tat-18 ta’ Gunju 1999 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat il-verbal ta’ l-24 ta’ Novembru 2000 li jindika li l-partijiet kienu qablu li l-process quddiem il-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust kellu jigi rtirat mir-Registru tal-Magistrat inkarigat u mghoddi lis-Sigrieta ta’ dina l-Qorti biex ikun accessibbli biss ghall-Qorti u d-difensuri tal-partijiet;

Rat l-Affidavitsipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet intavolati mill-kontendenti;

Semghet it-trattazzjoni ezawrjenti tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process odjern kif ukoll dawk tal-process quddiem il-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust relattiv ghall-Kaz numru 1, fl-ismijiet "Simonds Farsons Cisk Limited -vs- A/Direttur ta' l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta";

Ikkonsidrat:-

Fil-korp tac-citazzjoni taghha s-socjeta` attrici tressaq diversi obbjezzjonijiet fil-konfront tas-sentenza tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust moghtija fit-3 ta' Gunju 1996 (kopja esebita a fol. 10). Koncizament, tikkritikaha ghall-fatt illi minflok ma l-Kummissjoni epurat, kif dovut, il-kwestjoni jekk il-Price Order emanat (fol. 7) kienx gust u xieraq, intilfet ghall-kuntarju f' analisi twila dwar jekk id-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta ezercitax id-diskrezzjoni tieghu fil-parametri tal-ligi. Kwestjoni din, li fil-fehma tas-socjeta` attrici, qatt ma giet sollevata mill-partijiet u, allura, lanqas biss kienet dibattuta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kaz quddiem l-istess Kummissjoni;

It-twegiba tal-konvenut ghall-obbjezzjonijiet sottomessi hi artikolata f' sensiela ta' eccezzjonijiet, kemm ta' sustanza kif ukoll ta' indoli procedurali;

Huwa naturali illi dan kollu jehtieg li jigi interpretat bil-bon sens, u applikat fil-limiti razzjonali dettati mil-ligi u mill-

gurisprudenza li tghodd ghall-kaz. Ghaldaqstant, forsi jkun opportun illi ghall-ahjar esposizzjoni tal-materja, u tal-kjarifika taghha, jigi konsegwit perkors li jibda biex jiddefinixxi l-eccezzjonijiet procedurali ta' l-inkompetenza u tal-karenza ta' l-interess, okkorrendo traversat minn interpretazzjoni generali qasira tal-ligi, u mitmum b' ezami aktar dettaljat tal-lanjanzi avvanzati mis-socjeta` attrici;

L-INKOMPETENZA

Huwa fl-ordni logiku u guridiku illi qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti jenhtiegilha tiddetermina jekk il-prezenti azzjoni kinetx esperibbli;

L-argoment baziku tal-konvenut f' dan il-kuntest hu dak illi minhabba li *ope legis* il-Kummissjoni hi organu gudizzjarju ta' revizjoni dan jeskludi kull forma ta' revizjoni ohra. Huwa jiddezumi dan mill-portata ta' l-Artikolu 11, kombinat mar-regolament 6 ta' l-Iskeda, u l-Artikolu 28 ta' l-Att XXXI ta' l-1994;

Ghal din il-Qorti tali argoment, bazat fuq dak l-assunt, ma huwiex accettabli. Dan ghar-raguni illi l-Qorti mhix imsejha f' din il-kawza biex taghmel ezercizzju ta' revizjoni ta' xi Ordni emanata mill-konvenut jew ta' xi poter diskrezzjonali tieghu izda biss u sempliciment li tissindika l-operat tal-Kummissjoni;

Gja fl-imghoddi kien pacifikament ricevut illi fl-assenza ta' rimedji statutorji, bhalma hu d-dritt ta' appell, decizjonijiet koinvolgenti ksur tar-regola "*audi alteram partem*" jaghtu lok ghas-sindikat tal-Qrati ordinarji (Ara **Kollez. Vol. XXXII P II p 350; Vol. XXXIII P I p 648** u **Vol. XXXVII P II p 675**). Huwa daqstant iehor ben assodat fi straxxiku ta' decizjonijiet illi proprju ghax il-ligi ma takkordax fil-kaz specifiku dritt ta' appell, il-parti li thossha leza ghandha jkollha l-beneficcju tar-re-integrazzjoni, u allura ta' l-iffrustrar tas-sentenza profferita minn xi tribunal, fil-kaz li jkun gie stabbilit illi dak it-tribunal ikun mar *ultra vires* jew

kontra r-regoli ta’ gustizzja naturali jew is-sentenza tkun kontra xi ligi miktuba (Ara “**Reno Alamango -vs- Mary Rose Ciantar”**, Appell Civili, 29 ta’ Mejju 1991);

F’ cirkostanzi bhal dawn hu accettat illi r-regoli generali tad-dritt jinvestu fil-Qrati ordinarji l-poter gurisdizzjonali li jissindikaw l-operat ta’ l-organu aggudikanti specjali biex proprju jigi assigurat li jkun hemm fil-kaz partikolari osservanza pjena tal-principji suddetti;

F’ dan l-istess rigward il-Qrati taghna kellhom l-opportunita` li jiddeliberaw ulterjorment illi l-kompetenza tal-Qorti illi tassigura li ma ssirx enuncjazzjoni hazina jew inkompleta ta’ l-ipotesi tal-ligi ma kinetx wahda illimitata. Gie infatti deciz illi tali kompetenza tista’ tigi ezercitata minghajr ma b’ hekk il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tat-tribunal li jkun. Fi kliem iehor il-Qrati ma kellhomx gurisdizzjoni li jirriezaminaw jew jirrevedu l-meritu tal-kontroversja. Dan huwa indott f’ dan il-kaz anke minn dak dispost fl-Artikolu 28 ta’ l-Att principali li jafferma li d-decizjonijiet tal-Kummissjoni huma finali. U dan jaghmel sens taht dan l-aspett anke mill-ottika tar-Regolament 6 ta’ l-Iskeda li jaffida lill-istesss Kummissjoni r-revizjoni tad-decizjoni fis-sens ta’ konsiderazzjoni mill-gdid tal-meritu ghar-raguni ta’ tibdil sinjifikanti tal-kondizzjonijiet tas-suq jew ghal ragunijiet ohra hemm espressi. Huwa biss f’ dan il-kuntest li jsibu tifsira genwina dawn iz-zewg disposizzjonijiet (Artikolu 28 u Regolament 6);

Kif gja osservat pero`, f’ dan il-kaz mhux qed issir talba ghal revizjoni tad-decizjoni imma ghall-impunjattiva taghha in bazi ghall-allegazzjonijiet kontenuti fil-korp tac-citazzjoni. Huma dawn l-istess allegazzjonijiet kif formulati - vjolazzjoni tal-ligi, estraripar tal-gurisdizzjoni u ksur tal-jedd fundamentali ta’ gustizzja naturali - li jaghtu l-poter residwali lill-Qorti ordinarja li tissindika l-operat tal-Kummissjoni u li allura jivvestu lil din il-Qorti bil-gurisdizzjoni in materja;

In vista tal-premess l-eccezzjoni tal-konvenuti fuq dan il-punt qed tigi skartata;

IN-NUQQAS TA' L-INTERESS GURIDIKU

Jibda biex jinghad illi m' ghandux ikun kontrovers illi presuppost specifiku ta' l-ezercizzju ta' azzjoni gudizzjarja ('*actio nata*') hu l-interess guridiku. Dan anke ghaliex, kif deciz, "*il mezzo di tutelare un diritto leso o immediatamente minacciato non puo essere esercitata senza un interesse, essendo assiomatico che l' interesse e` la misura delle azioni ed il motivo che giustifica l' accesso alle aule della giustizia.*" (**Kollez. Vol. XXV P I p 506**). Dan pero` mhux bizzejjed. Hu mehtieg ukoll li jigi dimostrat illi "*la domanda deve procurare a chi la propone un risultamento utile*" (**Kollez. Vol. XVII P III p 15**), ghax jekk tali rizultament vantaggjuz jew utili ma jistax jinkiseb, l-azzjoni ma tistax tigi protetta. Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Pietro Paolo Borg -vs- Giuseppe Caruana**", Appell Civili, 3 ta' Dicembru 1984;

Issa kif jinsab ukoll enuncjat "il-mizura ta' l-istess interess hija determinata u cirkoskritta mit-termini tac-citazzjoni, mill-obbjett tad-domanda ('*petitum*') u mill-motivi indikati fic-citazzjoni ('*causa petendi*')." (**Kollez. Vol. XLV P I p 58**);

Premessi dawn il-principji *in subjecta materia*, hu konvenjenti f' dan l-istadju li jigi espost dak sottomess b' eccezzjoni mill-konvenuti fuq dan il-punt. Il-kontenzjoni taghhom tidher li hi mpernjata fuq il-konsiderazzjoni illi gjaladarba l-Ordni tal-Prezzijiet *de quo* waqaf milli jkollu effett, allura l-argoment tas-socjeta` attrici fis-sens li l-azzjoni in kwestjoni tista' twassal ghall-azzjoni ohra ghad-danni kontra d-Direttur, ma jistax iregi;

Kif taraha din il-Qorti l-utilita` guridika ghas-socjeta` attrici, kif indott mit-termini tac-citazzjoni, hi dik li twassal ghas-

success ta' l-impunjattiva da parte taghha tad-decizjoni tal-Kummissjoni u allura tan-nullita` ta' l-istess sentenza ghall-motivi, jew ghal xi wiehed mill-motivi, minnha migjuba 'l quddiem. F' sitwazzjoni bhal din il-Qorti ma tistax tirrestringi l-vizwali taghha ghall-meritu jew d-demeriti ta' dak li ghandu jkun il-kontenut ta' azzjoni futura tad-danni, u li, kif accettat mill-istess socjeta` attrici, fid-dibattitu orali, tista' tkun possibbli biss wara li l-kaz jerga' jigi ri-ezaminat mill-Kummissjoni, attiza s' intendi n-nullita tad-decizjoni hawn konsiderata. Mod jew iehor f' dan l-istess kwadru ta' hsieb hi s-sentenza fl-ismijiet "**Veronica mart David Farrugia *et* -vs- Mary mart Paul Buhagiar *et***", Appell Kummercjali, 2 ta' April 1993;

Jista' jinghad ghalhekk li l-interess guridiku u allura "r-rizultament utli" ghas-socjeta` attrici fil-kaz in ispecje hu dak illi, favorevolment akkolta t-talba tendenti ghall-impunjattiva tas-sentenza, il-kaz taghha jerga' jigi trattat mill-gdid mill-Kummissjoni. Din hi l-meta li s-socjeta` attrici ghandha l-iskop li tirraggungi u allura mhux ta' siwi fid-determinazzjoni ta' dan l-aspett illi l-Qorti tinoltra ruhha f' konsiderazzjonijiet ulterjuri ta' kemm hu possibbli jew le li l-Kummissjoni tikkonsidra Price Order li ma ghadux effettiv. Din tibqa' *se mai* materja li tkun trid tircievi fil-futur l-attenzjoni tal-Kummissjoni izda ghall-fini tad-determinazzjoni tal-punt ta' l-interess guridiku ta' l-azzjoni prezenti ma jista' jkollha l-ebda impatt;

Anke allura in bazi ghall-osservazzjonijiet maghmula u ta' l-accenni gurisprudenzjali l-eccezzjoni interposta tal-karenza ta' l-interess ma tistax tircievi l-adezjoni ta' din il-Qorti;

Spustat it-terren minn dawn iz-zewg eccezzjonijiet, prettament ta' natura procedurali, jokkorri b' introduzzjoni ghall-ilmenti tas-socjeta` attrici illi jigu ffokati r-riljievi l-aktar sinifikattivi li johorgu mit-test tal-ligi in materja;

<u>IL-LIGI</u>

Huwa mportanti qabel xejn illi jigi puntwalizzat dan l-insenjament tar-**Ricci** ("Corso Teorico e Prattico di Diritto Civile, Vol. I, Parte Prima, pagna 22 para. 13): "*Nell' applicare la legge non si puo attribuirla altro senso che quello fatto palese dal proprio significato delle parole secondo la connessione di esse e dalla intenzione del legislatore. Due obbiettivi deve dunque avere il giudice nell' interpretare la legge, il testo cioe` di essa e lo spirito che l' anima ... Innanzi tutto e` da avvertire che, quando il testo e` chiaro e la parola non lascia alcun dubbio sul suo significato, non e` lecito ricorrere allo spirito per applicarla o interpretarla a rovescio. Se fosse diverso, sotto pretesto d' interpretazione, il giudice si arrogherebbe il diritto di corregere o modifcare la legge a suo arbitrio, il che non puo essere consentito dal principio fondamentale delle divisione dei poteri*";

Precizat dan it-taghlim, ghall-iskop ta' l-odjerna kawza jidher illi fl-istat tal-ligi kif kienet qabel l-emendi ntrodotti bl-Att XXVIII ta' l-2000 permezz ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 379 id-Direttur tal-Kompetizzjoni Gusta kien fakoltizzat illi jippreskrivi l-oghla prezz li bih certi komoditajiet, li huwa stess jqis li jkunu essenzjali, jistghu jinbieghu jew jigu offruti ghall-bejgh;

Meta wiehed jissofferma ghall-mument fuq dan l-aspett isib mill-inkartament tal-process quddiem il-Kummissjoni kif ukoll minn dak ta' din il-kawza illi fil-konkret, una volta determinat li certu prodott hu essenzjali, tali Price Order ma jigix emanat *in vacuo* izda wara studju estensiv dwar *costings* u fatturi ohra korrelati;

F' certu sens allura, apparti r-riljiev dwar jekk prodott huwiex essenzjali o meno, dik tad-Direttur ma tistax tikkwalifika bhala "diskrezzjoni" billi minn dak li jirrizulta jidher li l-hrug tal-Price Order hu r-rizultat ta' decizjoni maturata wara apprezzament tal-fatturi ekonomici li jghoddu. Kif taraha din il-Qorti ma kienx allura semplici ezercizzju diskrezzjonali;

Dan iwassal ghall-osservazzjoni illi hu dak l-apprezzament tad-Direttur li kien sindakabbli u revidibbli mill-Kummissjoni. Dan pero` biss sal-punt u f' dawk il-kazijiet fejn jigi provat illi l-apprezzament kien jew ma kienx “xieraq u mehtieg”. Il-Kummissjoni kellha ghalhekk, skond l-istess Artikolu 11, tistharreg gudizzjarjament l-ezercizzju maghmul mid-Direttur biex tara jekk dan kienx verament hekk xieraq jew, invece, wiehed azzardat u rragjonevoli. Ezami dan li kien necessarjament jimporta l-ezami ta’ l-aspetti kollha teknici u finanzjarji tal-materja. Hu proprju dan il-kompitu tal-Kummissjoni, krejata mil-ligi u li, skond l-istess ligi, hi komposta minn magistrat, ekonomista u accountant pubbliku certifikat. Din il-funzjoni tal-Kummissjoni hi ben traccjata fl-Att innifsu (XXXI ta’ l-1994). Ma kienx allura l-kaz li l-Kummissjoni tindaga oltre dak stabbilit fis-subincizi (4) u (5) ta’ l-Artikolu 11. Dan bl-iskop li taghti twegiba ghall-kwezit kontenut fihom jew billi tafferma l-Price Order jew tirrevokah. Jista’ jizdied li l-istess Kummissjoni ma nghatatx is-setgha li tipproponi Price Order gdida jekk hi tasal biex tistabbilixxi li dak ordnat mid-Direttur ma kienx “xieraq u mehtieg”;Skond il-ligi l-attribuzzjoni tal-Kummissjoni hi dik simili ghal ta’ qorti ta’ appell ossija ta’ revizjoni (ara tifsira tal-kelma “*review*” fid-dizzjunarju mill-Ingliz ghall-Malti ta’ Dun Karm). Dan necessarjament ifisser illi l-Kummissjoni kellha tissindika jekk il-Price Order saritx konformament mal-ligi fis-sens illi tara u tezamina, b’ mod analitiku, jekk il-*costings* kienux jirrispekkjaw is-sewwa fic-cirkostanzi tas-suq fil-mument opportun. Riferenza b’ analogija tista’ tingibed mill-konsiderazzjonijiet li di solitu jigu adoperati mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kirja li ssir minn min ghandu titolu rizolubbli tkunx saret “*on fair conditions*” (Artikolu 1530, Kodici Civili). Hawn ukoll il-qorti tghaddi biex tezamina x’ inhuma l-prezzijiet tas-suq fil-mument ta’ meta saret il-lokazzjoni (ara “**Ronaldo Wismayer -vs- Paolo Saydon *et***”, Qorti tal-Kummerc, 7 ta’ Gunju 1983). Il-gudizzju taghha mbaghad fuq dan l-element essenzjali tal-kwantum tal-kera jitnissel b’ ezami komparattiv bejn il-kera akkordata u dik reali li tkun rispekkja r-*rental value* tal-fond lokat fis-suq liberu. Kien dan l-ezercizzju li kellu

jiddetermina jekk fil-kaz partikolari kienx hemm verament element ta' ingustizzja. Ara "**Bernard Bugeja *et* -vs- Carmen mart Michele Lanteri *et***", Appell, 4 ta' April 2001. Hekk ukoll hu mistenni li jsir mill-Kummissjoni fl-istharrig revizjonali taghha dwar jekk Price Order ghandhiex titqies, o meno, "xierqa u mehtiega". Stharrig dan li in tema legali kien jircievi sostenn minn disposizzjonijiet ohra tal-ligi oltre l-Artikolu 11. Kif akkolt "*le leggi debbonsi interpretare ed applicare nel loro complesso e non isolando l' una dall' altra*" ("**Governo -vs- Said**", Sess. Epifania, anno 1862);

<u>L-ILMENTI</u>

In linea ta' principju jigi sottolinejat illi bhal kull organu gudikanti iehor il-Kummissjoni hija rigorozament marbuta bit-termini tal-kontestazzjoni quddiemha. Ovvjament ghalhekk la tista' tiddeciedi *extra petita* u lanqas *ultra petita*.

Hija infatti enuncjazzjoni korretta propagata f' bosta sentenzi illi "l-Imhallef civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f' kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b' mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, min-naha l-ohra ma jistax jittratta u jirrisolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, ammenokke non si tratta minn kwestjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat li jirrileva *ex officio*" - "**Joseph Gatt -vs- Joseph Galea**", Appell Civili, 12 ta' Lulju 1965 u "**Cacciottolo utrinque**", Appell Civili, 30 ta' Gunju 1976;

Issa s-socjeta` attrici kemm fir-rakkoljiment tax-xhieda taghha f' din il-kawza, kif ukoll fin-nota elaborata u d-dibattitu orali, tattakka frontalment is-sentenza tal-Kummissjoni fuq zewg livelli, u cjoe:-

(1) Fl-ewwel lok, skond l-Avukat Andre` Camilleri, il-Kummissjoni "abdikat kompletament mill-funzjoni li

taghtiha l-ligi illi tara mill-gdid, tinvestiga mill-gdid, taghmel *review* kompleta ta' dak li suppost ghamel l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta" (fol. 196). Huwa jissokta jispjega din l-affermazzjoni tieghu fuq il-hsieb illi l-Kummissjoni ma dahlitx fl-operat tas-suq u tal-prezzijiet tal-birer u f' dawk l-aspetti kollha ekonomici u finanzjarji li gew lilha sottomessi. Ghal dan ix-xhud u rapprezentant tas-socjeta` attrici "r-raguni ghalfejn ftahna l-kawza hija li fid-decizjoni tal-Kummissjoni dan kollu gie njorat, qisu ttrattajna ghal xejn" (fol. 219);

(2) Fit-tieni lok, il-Kummissjoni intilfet fuq materja relattiva ghall-"*judicial review of administrative discretion*" sollevata *ex officio* minnha imma mhux ukoll mill-partijiet;

Fuq il-bazi ta' dawn iz-zewg ragunijiet is-socjeta` attrici tikkontendi illi d-decizjoni moghtija ghandha tigi konsiderata minn din il-Qorti bhala *ultra vires*, nulla u bla effett stante li:-

(i) il-Kummissjoni nterpretat hazin il-limiti tal-gurisdizzjoni taghha dwar x' kellha tezamina fil-process tar-"*review*" ta' l-Ordni tad-Direttur;

(ii) In konsegwenza ta' dan l-izball jew nuqqas taghha ma haditx konjizzjoni ta' dawk il-fatturi u elementi rilevanti biex tasal ghad-decizjoni skond il-ligi;

(iii) Inoltre, gjaladarba qatt ma saru osservazzjonijiet dwar il-kuncett fuq imsemmi ta' "*judicial review of administrative discretion*", imqajjem biss mill-Kummissjoni, dan jammonta ghal vjolazzjoni tal-principji naturali billi hi b' hekk giet sorpriza u fuq kollox ma nghatat l-ebda opportunita` li taghmel is-sottomissjonijiet taghha fir-rigward. Biex issostni dan l-argoment is-socjeta` attrici ticcita s-sentenza fl-ismijiet "**Frederick Mifsud Bonnici *nomine* -vs- Joseph Kenely *nomine***", Appell, 26 ta' April 1996 u fejn incidentalment gie ritenut illi materja sollevata mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tkun ingustament tissorprendi lill-appellant u dan jikkostitwixxi

ksur tad-dritt li l-parti jkollha smigh xieraq. Difett serju dan li ma jistax ma jgibx in-nullita` tas-sentenza;

Barra minn hekk is-socjeta` attrici ivventilat ukoll zewg ilmenti li jistghu jitqiesu sussidjarji ghal dawk l-ohra principali u fuq rikapitolati. Ir-ragunijiet addotti minnha kontra s-sentenza tal-Kummissjoni huma ghalhekk mizjuda bis-segwenti:-

I. Una volta li s-sentenza ddeterminat li l-posizzjoni taz-zewg partijiet kienet "ugwalment ragonevoli" ma setghatx imbaghad tikkonkludi li l-Ordni kien xieraq. Dan, skond is-socjeta` attrici jammonta ghal kontradizzjoni;

II. Kif spjegat fid-dibattitu orali s-sentenza ghandha titqies diskriminatorja ghax issanzjonat id-diskriminazzjoni adoperata mid-Direttur li ghazel, ghall-iskop tal-Price Order meritu tal-vertenza quddiem il-Kummissjoni, limitatament *brands* partikolari ta' birer - dawk taghha;

Ferma din l-esposizzjoni tas-suesposti ilmenti jokkorri li tigi ezaminata s-sentenza biex jigi determinat jekk dawn, kollettivament jew singolarment, humiex gustifikattivi ta' akkoljiment jew humiex meri asserzjonijiet;

<u>IS-SENTENZA</u>

Il-gurisprudenza ddecediet il-punt illi "*le regole per la interpretazione della legge e quelle dettate negli articoli 708 e segwenti dell' Ordinanza VII del 1868* (illum Artikolu 1002 *et sequitur* tal-Kapitolu 16) *per la interpretazione dei contratti, sono applicabili alla interpretazione delle* sentenze" (**Kollez. XXIV P I p 157**);

L-istess sentenza tissokta mbaghad tippreciza illi "*per riconoscere il vero portato di una sentenza occorre indagare quale fosse stata la questione sulla quale il giudice fú chiamato a pronunciarsi e la discussione che precedette il suo giudizio, ed esaminare il dispositivo nel*

*suo complesso, raffrontandolo e mettendolo in armonia colla motivazione, la quale e` anche essa parte integrale della sentenza, sebbene dalla stessa non ne sorga il giudicato; e quando la parte dispositiva di una sentenza fosse concepita in termini generici, il suo significato puo essere ristretto dalle considerazioni che la motivarono*.";

Dan premess, jidher imbaghad illi hu pacifikament ricevut illi "l-motivazzjoni kienet ta' l-essenza tal-gudizzju u ma jistax jinghad li jkun qed jidher li ssir gustizzja jekk il-partijiet in kawza ma jinghatawx almenu s-sodisfazzjon minimu tar-raguni li wasslet lill-gudikant ghad-decizjoni tieghu. Dan ma jfissirx illi l-Bord ta' l-Appell kellu necessarjament jaghti, anke fuq il-fatti, motivazzjoni elaborata imma l-kontendenti kellhom ikunu sodisfatti illi r-regoli bazilari tal-gustizzja naturali kienu qed jigu pjenament osservati anke fil-process kwazi gudizzjarju. Process li hekk jiggarantixxi mhux biss smiegh adegwat lill-partijiet u l-opportunita` li jipproducu l-provi taghhom imma wkoll li huma jkunu jafu r-raguni ghaliex l-appell ikun qed jigi milqugh jew michud" - "**Cauchi Ltd -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

Hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, mir-riezami taghha tas-sentenza attakkata, illi din, anke jekk forsi b' mod skematiku u xott fir-rigward tal-vertenza posta ghall-attenzjoni tal-Kummissjoni, tikkontjeni dik il-motivazzjoni bastanti biex tissodisfa lil din il-Qorti illi l-istess sentenza taghti ndikazzjoni tar-raguni li wasslet lill-Kummissjoni ghall-konvinciment taghha u allura ghal mod kif iddecidiet;

Dan affermat, jidher ukoll illi l-parti operattiva ta' l-istess sentenza hija r-rizultat logiku u inevitabbli tar-ragonament li sar fiha. Ragonament allaccjat "mal-konsiderazzjonijiet rilevanti u essenzjali sottomessi mill-partijiet" esposti fil-parti introduttorja, u limitat "ghal dak li hu prettament essenzjali u pertinenti ghall-procedura odjerna" (pagna 30 tas-sentenza);

Jissokta jigi rilevat illi s-sentenza indirizzat preliminarjament l-uzu tad-diskrezzjoni tad-Direttur "kif dibattuta ezawrjentement mill-partijiet fil-mori ta' din il-procedura" (pagna 38). Dibattitu li milli jirrizulta mill-inkartament kien jinvolvi anke l-kwestjoni jekk il-prodott ("birra") kienx prodott essenzjali, u jekk il-Price Order kienx *ultra vires* il-poteri ta' l-Agent Direttur;

Issa huwa minnu illi s-sentenza intilfet ezageratament f' esposizzjoni dottrinali tal-principju imma ghallanqas, minn dak precizat fl-istess sentenza, ma jirrizultax illi din il-materja tqajmet *marte proprio* mill-Kummissjoni, b' sorpriza ghas-socjeta` attrici jew bi ksur tad-dritt taghha tal-principju "*audi alteram partem*". Bir-rispett kollu ghax-xhieda ta' l-abbli Avukati Joe Borg Bartolo, (fol. 104), Andrew Muscat, (fol. 113) u Andre` Camilleri, (fol. 119) il-Qorti trid toqghod fuq il-miktub u dak biss li jirrizultalha mis-sentenza. Dan in omagg ukoll ghall-principju probatorju stabbilit "*contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur*" u allura mhux ammess li provi orali jfissru dak li fih innifsu huwa diga` car;

Min-naha l-ohra lil din il-Qorti ma jirrizultalhiex illi, kuntrarjament ghal dak allegat mis-socjeta` attrici, il-Kummissjoni ma haditx konsiderazzjoni ta' dawk il-fatturi u elementi rilevanti bhal ma huma fatturi ekonomici ta' "*cost analysis*", "*accounting exercise*", l-agir tas-suq ghad-determinazzjoni ta' jekk il-Price Order kienx xieraq u mehtieg. Fir-rigward qed jigu senjalati pagni 22 sa 28 u pagna 68 *et sequitur* tas-sentenza. Jista' forsi jigi obbjettat, kif hekk gie mis-socjeta` attrici obbjettat, illi l-konsiderazzjoni ma kinitx wahda "serja" izda dan ma jfissirx li l-konsiderazzjoni nnifisha giet injorata fil-process tar-*review* tal-Price Order. Jibqa' l-fatt li f' kawza bhal din ta' impunjattiva, anke wkoll in vista tal-limitazzjoni aktar il-fuq senjalata, din il-Qorti ma tistax tokkupa ruhha minn jekk ir-revizjoni li saret kienet serja o meno, imma jekk il-Kummissjoni naqsetx jew le milli tokkupa ruhha mill-

materja. Minn dak rinvenut mis-sentenza ma jidhirx li kien hemm dan in-nuqqas hekk lamentat mis-socjeta` attrici;

B’ mod generali din il-Qorti hi sodisfatta illi l-Kummissjoni:-

I tat fis-sentenza taghha sunti incizivi tal-posizzjonijiet tal-partijiet;

II ma naqsitx milli tindika taht kapi separati l-punti principali li hadet in konsiderazzjoni fid-deliberazzjoni taghha biex ikkonkludiet kif ikkonkludiet;

III ipprovdiet indikazzjoni cara ta’ l-ilmenti li mmotivaw d-decizjoni taghha, anke jekk forsi mhux wahda elaborata u ragonata ta’ l-argomentazzjonijiet kollha li waslet ghal tali decizjoni;

IV ghamlet dak l-apprezzament tac-cirkostanzi biex fuq bazi ta’ probabilitajiet isir il-gudizzju jekk il-Price Order kienx xieraq u mehtieg u bazat fuq kalkoli realistici, u jekk allura l-Agent Direttur kienx zbaljat fil- kriterji li fuqhom wasal biex hareg l-istess Price Order;

Il-bqija tas-sentenza minn hawn sat-tmiem jidher li hi kollha kemm hi dedikata biex turi x’ kienet il-fehma tal-Kummissjoni fuq il-vertenza;

Is-socjeta` attrici tissolleva wkoll kwestjoni ta’ kontradittorjeta tas-sentenza. Hi tirravviza din il-kontradittorjeta` mill-fatt illi fis-sentenza impunjata l-Kummissjoni, filwaqt li tesprimi ruhha li l-posizzjoni tal-partijiet kienet “ugwalment ragonevoli” (pagna 74) imbaghad ikkonkludiet li l-ordni tal-prezzijiet in disamina kien wiehed xieraq u mehtieg;

Jibda biex jigi rilevat fuq dan il-punt illi, kif deciz, “kellu necessarjament ikun hemm rabta logika bejn il-motivazzjoni u d-decizjoni. Jekk tali rabta ma tkunx tirrizulta jew dak li hu aghar, jekk tali rabta tkun tirrizulta

kontradittorja jew non-konsegwenzjali, allura jkun jonqos element essenzjali ta' decizjoni. Nuqqas li jinficja u jinvalida d-decizjoni" - "**Rose Loftus *et* -vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co. Ltd)**", Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju 1999;

Kif taraha din il-Qorti, fil-kaz in ispecje ma tezistix din il-kontradittorjeta` li hi a bazi tal-enuncjazzjoni appena espressa. Korrettement intizi l-kliem senjalati mis-socjeta` attrici ghandhom ifissru illi z-zewg partijiet ressqu sottomissjonijiet validi ta' l-aspetti socio-teknici tal-materja agitata. Dan pero` ma kienx jaghmel din is-senjalazzjoni kontradittorja mal-konkluzjoni raggunta, u cjoe li, kollox ma' kollox, kienet kjarament timporta illi ma ngiebux ragunijiet sufficcjentement bastanti, kapaci li jiddemostraw illi l-Price Order ma kinitx "xierqa u mehtiega". Hawn precizament qeghda r-raguni u l-bazi tad-disposittiv li mieghu l-parti razzjonali tas-sentenza hi imprexxindibilment marbuta;

Fl-ahharnett, fuq l-ilment ta' l-allegata diskriminazzjoni, din il-Qorti ma tarax kif din tista' tissussisti in bazi ghall-argument illi l-Kummissjoni accettat id-diskriminazzjoni perpetwata mill-Agent Direttur bl-ammissjoni tal-Price Order riflettanti l-prezzijiet ta' *brands* partikolari tal-birra. Ghal din il-Qorti dan l-argoment ikun ifisser li l-Qorti nnifisha jkollha tistharreg l-operat ta' l-Agent Direttur, haga din li f' dan il-kaz, u fil-parametri senjalati, din il-Qorti ma tistax taghmlu ghax allura tkun qed tinonda ruhha fil-meritu 'l hinn mill-orbita tal-gurisdizzjoni taghha. Dik proprja ta' l-ezami ta' l-operat ta' l-Agent Direttur izda mhux ukoll ta' l-operat tal-Kummissjoni, kif hekk ghandu suppost ikun il-kaz;

Anke pero` hawn, kieku din il-Qorti kellha tokkupa ruhha minn ilment bhal dan l-istess ma ssibx illi twettqet xi diskriminazzjoni. L-Artikolu 11 ta' l-Att bl-ebda mod ma jillimita s-setgha tad-Direttur milli johrog Ordni fuq *brands* partikolari. U allura la l-ligi ma tiddistingwix, mhux konsentit li ssir xi distinzjoni mill-Kummissjoni u wisq

anqas minn din il-Qorti. Anke allura l-ilment tas-socjeta` attrici fuq dan il-punt ma jisthoqqlu l-ebda akkoljiment;

Maghdud dan kollu, fic-cirkostanzi tal-kaz partikolari, il-kwestjonijiet sollevati mis-socjeta` attrici, ghalkemm akkademikament interessanti, ma jwasslux lil din il-Qorti biex, fl-isfond tas-sentenza attakkata, tiddikjara illi l-allegazzjonijiet jinsabu b' xi mod suffragati.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi in bazi ghall-konsiderazzjonijiet estensivi fuq esposti, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet procedurali ta' l-inkompetenza u tal-karenza ta' l-interess sollevati mill-konvenuti, tichad ukoll it-talbiet kollha tas-socjeta` attrici;

Salv ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, li l-ispejjez dwarhom jibqghu a karigu tal-konvenuti, il-kumplament ta' l-isepjjez gudizzjari jitbatew mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------